MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2557/2002

**Melita Insurance Agency Limited**
**vs**

**Raymond Zammit u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2002, giet kjamata in kawza Atlas Insurance Agency Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlieta u tmenin lira Maltija (Lm83.00), rapprezentanti bilanc dovut fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga fuqu mis-socjeta` attrici koncernati l-vettura numru AAA-461, u dan a tenur ta' l-istess polza minnu accettata;**
**Bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva, u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 2002, u tal-konsult, kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Frar, 2003, fejn intqal illi il-konvenut ma jaqbilx mat-talba attrici stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**
**Il-konvenut hallas l-ammont minnu mitlub mis-socjeta` attrici, ammont maqbul bejn il-partijiet u ghaldaqstant m'ghandux l-ebda bilanc xi jhallas.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Zammit, Frank Fenech, Olivia Buhagiar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-attur u tal-konvenut jittrattaw il-kaz. Innota li s-socjeta` kjamata in kawza baqghet ma pprezentatx risposta.**

**Ikkunsidra:**
1. **Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' bilanc allegatament dovut fuq polza ta' assigurazzjoni mill-konvenut.**
2. **Il-konvenut eccepixxa l-pagament.**
3. **Jirrizulta li l-konvenut kien originarjament assikurat ma' Atlas Insurance, u wara kien qaleb ghal mas-socjeta` attrici. Jirrizulta li l-konvenut kien intalab ammont fit-13 ta' Jannar, 2000, u l-pagament sar skond ma' qaltlu s-socjeta` attrici.**
4. **Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienu hadmu l-ammont a bazi tan-"no claim bonus" li ghalih kien intitolat, li telefonikament is-socjeta` attrici kienu gew informati minn Atalas Insurance li kien ta' 50%. Pero` meta s-socjeta` attrici rceviet bil-miktub minghand Atlas Insurance dan kien qed jindika "no claim bonus" ta' 35%. Ghalhekk is-socjeta` attrici ghamlet l-adjustment mehtieg u bghatet lill-konvenut sabiex ihallas id-differenza fl-ammont ta' tmienja u tletin lira Maltija (Lm83.00).**
5. **Ghandu jinghad illi tassew il-konvenut kien hallas, u dana skond ma qaltlu l-assikurazzjoni attrici a bazi ta' informazzjoni bil-fomm li kellha minghand is-socjeta` kjamata in kawza. Pero` is-socjeta` attrici taf ben tajjeb illi biex isir ir-renewal notice, l-informazzjoni dwar in-"no claim bonus" trid tigi bil-miktub. F'dan ir-rigward jista' jinghad li kien hemm ftit ta' ghaggla da parti tas-socjeta` attrici li ma stennietx li jsiru l-proceduri li suppost isiru. Pero` tali**

**leggerezza jidher li hija rettifikata in kwantu l-istess socjeta` attrici harget l-assikurazzjoni b'mod temporanju, fl-interess taghha u fl-interess ta' l-assikurat. Kien ikun desiderabbli li wiehed jinforma lill-konvenut dwar diskrepanzi li setghu jinholqu meta jigi il-parir bil-miktub. Ic-cirkostanzi ma humiex tali li jiggustifikaw li l-konvenut ma jhallasx id-differenza dovuta.**

**Ghaldaqstant it–Tribunal qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u tmenin lira Maltija (Lm83.00), bl-imghaxijiet legali li ghandhom jibdew jiddekorru ill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kjamat in kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici, filwaqt li l-ispejjez l-ohra jibqghu bla taxxa bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------